MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 464/2016 LM

**Lean Consulting Network Limited (C69728)**

***vs.***

**LUDES (Higher Education Institution) Foundation (LPF-197) u b'digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2017, dan ġie sostitwit b'United Campus of Malta Higher Education Institution**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-10 ta' Ġunju, 2016 mis-soċjetà attriċi **Lean Consulting Network Limited** (C69728) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), u maħluf minn Sergio Liguori in rappreżentanza tal-istess, li jgħid kif ġej:

1. *Premess illi s-soċjetà rikorrenti ġiet ingaġġata mill-Fondazzjoni intimata, sabiex toffri diversi servizzi ta' konsulenza fil-perijodu minn Jannar sa April 2016;*

2. *U billi dawn is-servizzi kienu fost l-oħrajn jirrelataw mat-twettiq ta' verifiki interni u esterni tal-fondazzjoni, it-tħarriġ tal-persunal, servizzi amministrattivi u kummerċjali, preparazzjoni tad-dokumenti meħtieġa (bħar-regolamenti tal-università) u diversi servizzi oħra;*

3. *U billi fl-għotja ta' dawn is-servizzi s-soċjetà rikorrenti kienet anke ingaġġat professjonisti oħra sabiex jassistu fl-għotja tas-servizzi;*

4. *U billi dawn is-servizzi ngħataw u kienu aċċettati mill-fondazzjoni intimata u kienu ta' utilità għaliha;*

5. *U billi l-esponent permezz ta' invoice numru LCN008/2016 datata 19 ta' Mejju, 2016 hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A talbet lill-fondazzjoni intimata sabiex tħallas is-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190.00) inkluż il-VAT rappreżentanti diversi servizzi reżi lis-soċjetà intimata għax-xhur ta' Jannar, Frar, Marzu u April 2016 kif elenkati fl-istess invoice;*

6. *U billi l-fondazzjoni intimata ma ħallsitx il-fattura fuq imsemmi;*

7. *U billi dan id-debitu tas-soċjetà intimata fil-konfront tar-rikorrenti, huwa ċert, likwidu u dovut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-fehma tagħha l-intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti;*

   *Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex salv kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

   1. *Tiddeċiedi l-kawża skont it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   2. *Tiddikjara lis-soċjetà intimata debitriċi fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190);*

   3. *Tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont hekk dovut flimkien mal-imgħax legali mid-data ta' din il-proċedura sad-data tal-pagament effettiv.*

      *Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat illi l-fondazzjoni konvenuta **LUDES (Higher Education Institution) Foundation** li b'digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2017 dan ġie sostitwit b'**United Campus of Malta Higher Education Institution,** (minn issa 'l quddiem "il-

fondazzjoni konvenuta") ressqet Nota ai termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tattakka l-proċeduri sommarji wżati li rrikorriet għalihom is-soċjetà attriċi bħala mhux regolari u li ma jgħoddux għall-każ odjern, fejn eċċepiet:

*1. Illi qabel xejn, sa minn qabel ġiet ippreżentata l-kawża fuq ċitata, il-konvenuta kienet għarrfet lill-attriċi illi hija kienet qed tikkontesta t-talbiet tagħha għall-ħlas. Fil-fatt, l-attriċi kienet bagħtet fatturi lill-konvenuta f'April 2016 (għall-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u erbgħin Euro (€21,240) u f'Mejju, 2016 (għall-ammont mitlub fil-kawża ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190), u l-konvenuta kienet ikkontestat il-ħlas pretiż f'korrispondenza b'emails (Ara Dok. A, B, u C rispettivament).*

*Din hija raġuni biżżejjed sabiex tiġi miċħuda t-talba tal-attriċi biex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ. Huwa paċifiku illi l-proċedura sommarja speċjali ma tistax tintuża meta r-rikorrenti jkunu jafu minn korrispondenza li ppreċediet il-kawża illi t-talbiet tagħhom qed jiġu kkontestati[1];*

*2. Illi fil-mertu, il-kontestazzjoni konvenuta hija sempliċi. Il-partijiet kienu daħlu fi ftehim bejniethom illi bih l-attriċi ntrabtet li tagħti servizzi ta' konsulenza, versu l-ħlas ta' elfejn Euro (€2,000) fix-xahar (Dok. D anness). Dan il-ftehim, li kien jiskadi fl-aħħar tal-2015 dejjem ġie rispettat mill-konvenuta.*

*Hekk kif skada l-kuntratt, però l-attriċi stiednet lill-konvenuta tiffirma ftehim ġdid b'rati esaġerati illi l-konvenuta ma kinitx lesta taċċetta. Kemm hu hekk, dan il-kuntratt ma ġiex iffirmat (Dok. E anness).*

*Madanakollu, l-attriċi insistiet li toħroġ fatturi msejsa fuq ftehim li qatt ma ntlaħaq (u allura ma huwa ftehim xejn). Għalhekk mhux minnu illi 's-soċjetà rikorrenti ġiet ingaġġata ... sabiex toffri diversi servizzi ta' konsulenza fil-perijodu minn Jannar sa April, 2016' – il-verità hija li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet qabel iżda l-attriċi unilateralment dehrilha li kellha tbiddel l-arranġamenti preċedentement eżistenti bejn il-partijiet.*

*Barra minn hekk, il-fatturi jagħmlu referenza għal servizzi illi l-konvenuta tikkontendi li qatt ma ngħatawlha mill-attriċi, u, anzi, issostni illi jirreferu għal attività li l-konvenuta wettqet in-house u li allura ma hemmx lok li l-attriċi titħallas tagħhom;*

---

[1] Tabib Dottor Raymond Fenech *vs.* Spiridione Camenzuli, Prim Awla, 25.10.1985.

3. *Illi għalhekk, fil-qosor, il-konvenuta ssostni li l-ammont mitlub mhux dovut stante illi:*

    (i) *L-ammonti mitluba ġew imposti unilateralment u mhux bi ftehim bejn il-partijiet;*
    (ii) *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet għall-ħlas huma esaġerati u ma jirriflettux is-servizzi li tat l-attriċi;*
    (iii) *Kemm hu hekk, il-fattura saħansitra tinkludi allegati 'servizzi' li mhux minnu illi l-konvenuta rċeviet mingħand l-attriċi;*

4. *Il-konvenuta tapprezza li dan huwa stadju wisq bikri biex il-Qorti tiddeċiedi l-mertu tal-każ. Madanakollu, issostni illi hija għandha argumenti illi huma prima facie ġustifikati b'dan illi l-ammont pretiż ma jistax jitqies 'ċert, likwidu u dovut.' Bir-rispett, ikun għalhekk opportun illi, tal-anqas, il-konvenuta titħalla tressaq il-kontestazzjonijiet tagħha b'risposta ġuramentata sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tisma' l-provi u tiddeċiedi dwarhom.*

5. *Illi b'żieda ma' dan, il-konvenuta ma tistax ma tinnutax illi l-attriċi, minflok ma bagħtet ittra legali jew uffiċjali kif huwa solitu li jsir, mexxiet mingħajr avviż b'kawża sommarja u b'mandat kawtelatorju illi, b'malizzja, ġie saħansitra notifikat lil ċerti awtoritajiet f'attentat biex il-konvenuta tiġi oskurata. L-attriċi umilment tissottometti illi dan huwa aġir irraġonevoli u jirrażenta l-vessatorju. Filwaqt illi tirriserva d-drittijiet tagħha f'dan ir-rigward, l-attriċi ssostni bir-rispett illi tali aġir m'għandux jiġi ppremjat u l-konvenuta m'għandhiex tiġi mċaħħda mill-jedd illi formalment tikkontesta t-talbiet attriċi b'risposta maħlufa;*

6. *Illi għar-raġunijiet suesposti, il-konvenuta tissottometti illi huwa fl-interess tal-ġustizzja li din l-Onorabbli Qorti ma tipproċedix għas-sentenza skont it-talba tal-attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda minflok, tagħti lill-konvenuta l-opportunità li tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet tal-attriċi.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Lulju, 2016 fejn din il-Qorti ddekretat li peress li mis-sottomissjonijiet imressqa mill-fondazzjoni konvenuta fin-Nota ppreżentata minnha ai termini tal-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, deher li kien hemm eċċezzjonijiet x'jingħataw minnha, il-fondazzjoni konvenuta ngħatat żmien ta' għoxrin ġurnata sabiex tressaq ir-Risposta Maħlufa tagħha.

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-fondazzjoni konvenuta li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Lulju, 2016 u li ġiet maħlufa minn Dr Jonathan Abela Fiorentino in rappreżentanza tal-istess, fejn il-fondazzjoni konvenuta eċċepiet:

1. *Illi t-talbiet attriċi għall-ħlas huma kontestati għaliex imsejsa fuq rati stabbiliti unilateralment mill-attriċi mingħajr ftehim mal-konvenuta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet għall-ħlas huma eċċessivi għaliex jirreferu in parti għal servizzi li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-attriċi, qatt ma ntalbu mill-konvenuta u wisq anqas ingħatawlha;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammonti mitluba huma wkoll eċċessivi għaliex ibbażati fuq rati esaġerati, speċjalment meta wieħed jikkomparahom ma' rati li preċedentement kienu viġenti bejn il-partijiet skont ftehim li ġie fi tmiemu fl-aħħar tas-sena 2015;*

4. *Illi f'każ li l-Qorti ssib illi xi ammont, anke jekk mhux dak pretiż mill-attriċi, huwa dovut, il-konvenuta ma għandhiex tiġi allokata spejjeż u/jew imgħaxijiet u dan għaliex, kif se jintwera, il-konvenuta kemm-il darba stiednet lill-attriċi sabiex jiġi diskuss ftehim ġdid u/jew jintlaħaq ftehim dwar l-ammonti pretiżi u kienet l-attriċi li qatt ma kkollaborat għal dan il-għan;*

5. *Għal kull buon fini, l-eċċipjenti tinnota illi dawn il-proċeduri ntavolati mill-attriċi, u speċjalment il-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment, qed jikkawżaw danni lill-konvenuta. Dan speċjalment tenut kont illi, f'attentat ċar biex toskura lill-konvenuta, l-attriċi nnotifikat il-mandat ta' sekwestru lill-Awtoritajiet minkejja li ma kellhiex għalfejn tagħmel dan, għax kien ben not għall-attriċi illi dawn ma kinux 'debituri' jew iżommu fondi tal-konvenuta. F'dan ir-rigward, l-eċċipjenti tirriserva kwalunkwe rimedju jew dritt li tagħtiha l-liġi, inkluż dak li tipproċedi separatament għad-danni.*

6. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż u b'riserva għad-danni kif fuq spjegat.*

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158 (3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

1.1 *Illi t-talbiet tal-attriċi għall-ħlas huma kontestati għaliex imsejsa fuq rati stabbiliti unilateralment mill-attriċi mingħajr ftehim mal-konvenuta;*

1.2 *Illi fil-qosor, il-konvenuta topera istitut edukattiv f'Malta filwaqt illi l-attriċi tipprovdi servizzi ta' konsulenza lil negozji. Il-partijiet kienu daħlu fi ftehim bejniethom illi bih l-attriċi ntrabtet li tagħti servizzi ta' konsulenza, versu l-ħlas ta' elfejn Euro (€2,000) fix-xahar (ara Dok. D anness man-nota ġa ppreżentata mill-konvenuta). Dan il-ftehim, li kien jiskadi fl-aħħar tal-2015 dejjem ġie rispettat mill-konvenuta;*

1.3 *Hekk kif skada l-kuntratt, l-attriċi stiednet lill-konvenuta tiffirma ftehim ġdid, iżda r-rati kienu esaġerati u l-konvenuta ma kinitx lesta li taċċettahom. Kemm hu hekk, dan il-kuntratt qatt ma ġie ffirmat (ara Dok. E anness man-nota);*

1.4 *Madanakollu, l-attriċi nsistiet li toħroġ fatturi li huma msejsa fuq ftehim li qatt ma ntlaħaq (u allura ma huwa ftehim xejn). Għalhekk mhux minnu illi, 's-soċjetà rikorrenti ġiet ingaġġata ... sabiex toffri diversi servizzi ta' konsulenza fil-perijodu minn Jannar sa April, 2016' – il-verità hi li r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet qabel iżda l-attriċi unilateralment dehrilha li kellha tbiddel l-arranġamenti preċedentement eżistenti bejn il-partijiet;*

1.5 *Għalhekk, it-talbiet attriċi huma kontestati għaliex imsejsa fuq rati li qatt ma ġew miftiehma bejn il-partijiet iżda ġew imposti unilateralment mill-attriċi;*

1.6 *Illi inoltre, għandu jiġi rilevat illi l-konvenuta għamlet numru ta' tentattivi sabiex il-partijiet jiltaqgħu bil-għan illi jintlaħaq qbil fuq ftehim ġdid iżda dawn it-talbiet kollha ġew miċħuda mill-attriċi. Madanakollu, ġara li għalkemm l-attriċi aċċettat l-aħħar stedina li saritilha mill-konvenuta sabiex dawn jiltaqgħu fit-2 ta' Mejju, 2016 f'Milan, din di segwitu marret lura fuq kliemha u rrifjutat li tiltaqa' mal-konvenuta minħabba li, skont hi, kellha impenji oħra.*

2.1 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet għall-ħlas huma eċċessivi għaliex jirreferu in parte għal servizzi li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-attriċi, qatt ma ntalbu u wisq anqas qatt ma ngħataw lill-konvenuta;*

2.2 *Kemm hu hekk, uħud mis-servizzi indikati fil-fatturi jirreferu għal attività li l-konvenuta wettqet in-house u li allura ma hemmx lok li l-attriċi titħallas tagħhom;*

3.1 *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammonti mitluba huma wkoll eċċessivi għaliex, kif intqal, ibbażati fuq rati esaġerati, speċjalment meta wieħed jikkomparahom ma' rati li preċedentement kienu viġenti bejn il-partijiet skont il-ftehim li ġie fi tmiemu fl-aħħar tas-sena 2015;*

*4.1 Illi f'każ li l-Qorti ssib illi xi ammont, anke jekk mhux dak pretiż mill-attriċi, huwa dovut, il-konvenuta ma għandhiex tiġi allokata spejjeż u/jew imgħaxijiet u dan għaliex, kif se jintwera, il-konvenuta kemm-il darba stiednet lill-attriċi sabiex jiġi diskuss ftehim ġdid u/jew jintlaħaq ftehim dwar l-ammonti pretiżi u kienet l-attriċi li qatt ma kkollaborat għal dan il-għan;*

*5.1 Għal kull buon fini, l-eċċipjenti tinnota illi dawn il-proċeduri intavolati mill-attriċi, u speċjalment il-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment, qed jikkawżaw danni lill-konvenuta. Dan speċjalment tenut kont illi, f'attentat ċar biex toskura lill-konvenuta, l-attriċi nnotifikat il-mandat ta' sekwestru lill-Awtoritajiet minkejja li ma kellhiex għalfejn tagħmel dan, għax kien ben not għall-attriċi illi dawn ma kinux 'debituri' jew iżommu fondi tal-konvenuta. F'dan ir-rigward, l-eċċipjenti tirriserva kwalunkwe rimedju jew dritt li tagħtiha l-liġi, inkluż dak illi tipproċedi separatament għad-danni.*

*6.1 Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.*

*Illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12, u fid-dawl tas-suespost, jiġi ddikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-atturi, inkluż il-quantum tal-pretensjoni, huma kontestati u jeħtieġ li jiġu ppruvati mill-konvenuta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi, minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakoltà li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Is-soċjetà attriċi qed tippretendi ħlas mingħand il-fondazzjoni konvenuta fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190), għal servizzi reżi mis-soċjetà attriċi lill-fondazzjoni konvenuta li fost l-oħrajn kienu jirrelataw mat-twettiq ta' verifiki interni u esterni tal-fondazzjoni, it-taħriġ tal-persunal, servizzi amministrattivi u kummerċjali, preparazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa u diversi servizzi oħrajn. L-azzjoni odjerna nbdiet *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kap. 12, iżda l-fondazzjoni konvenuta eċċepiet li kellha eċċezzjonijiet xi tressaq u għalhekk il-Qorti laqgħet it-talba tagħha sabiex ma tismax il-kawża bil-mod sommarju u tat żmien lill-fondazzjoni konvenuta sabiex tressaq ir-risposta maħlufa tagħha. Fil-fatt il-fondazzjoni konvenuta kkontestat it-talba għall-ħlas, peress li qiegħda ssostni li ma kien hemm ebda ftehim maqbul u ffirmat bejn il-partijiet li kellu jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom, u konsegwentement ma setgħet issir l-ebda talba lilha għall-ħlas. Il-fondazzjoni konvenuta allegat li l-ħlas mitlub lilha ġie stabbilit unilateralment mis-soċjetà attriċi, u li s-servizzi li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi ħlas għalihom, qatt ma ngħataw. Il-fondazzjoni konvenuta ssostni li minkejja li kien hemm ftehim oriġinali bejn il-partijiet li kien jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom, dan kien skada, u bejn il-partijiet qatt ma ġie konkluż ftehim ieħor ġdid. Il-konvenuta esprimiet id-dubji tagħha dwar kemm is-servizzi ċċitati mis-soċjetà attriċi ġew ipprovduti lilha, u

għalhekk waqt il-prosegwiment tal-kawża tqanqlu dubji dwar min mill-partijiet kien qiegħed jgħid is-sewwa.

**Provi u riżultanzi**

Kontestwalment mar-rikors promutur, is-soċjetà attriċi ppreżentat għadd ta' dokumenti, fosthom *invoice* bir-referenza LCN 008/2016[2], li fiha d-dettalji marbuta man-natura ta' servizzi allegatament reżi mis-soċjetà attriċi lill-fondazzjoni konvenuta, u fejn intalab il-ħlas kumplessiv mingħand il-fondazzjoni konvenuta fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190) għal tali servizzi. Is-soċjetà attriċi ppreċiżat li l-ħlas relattiv kellu jsir fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tal-*invoice* u ċjoè d-19 ta' Mejju, 2016.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll id-dokumenti ppreżentati mill-fondazzjoni konvenuta flimkien man-Nota ppreżentata minnha ai termini tal-artikolu 170 tal-Kap. 12, fosthom *email* mibgħuta minn Sergio Liguori in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi lill-Presidenza tal-L.U.de.S (Sagl-Lugano)[3], bid-data tal-25 ta' April, 2016[4], b'*invoice* b'talba għall-ħlas għas-servizzi allegatament reżi mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u erbgħin Euro (€21,240). Il-fondazzjoni konvenuta ppreżentat ukoll kopja ta' *email* bid-data tas-27 ta' Mejju, 2016, mibgħuta minn Sergio Liguori għan-nom tas-soċjetà attriċi, fejn intalab ħlas, din id-darba mingħand il-fondazzjoni konvenuta, għal *counselling activities* mogħtija fil-perijodu bejn il-15 ta' Jannar, 2016 u s-26

---

[2] *A fol.* 5 tal-proċess.
[3] Waqt is-smigħ tal-kawża rriżulta li L.U.de.S. (Sagl) hija soċjetà rreġistrata fl-Iżvizzera, u li LUDES Foundation HEI hija l-fondazzjoni rreġistrata f'Malta li ġiet akkreditata b'liċenzja sabiex topera bħala *higher education institution*. Iż-żewġ entitajiet għandhom personalità ġuridika distinta.
[4] *A fol.* 13 tal-proċess.

t'April, 2016 mis-soċjetà attriċi.[5] Il-ħlas mitlub skont l-*invoice* annessa ma' din l-*email,* kien ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190).[6]

Il-fondazzjoni konvenuta esebiet ukoll kopja ta' *email* mibgħuta mill-President tagħha Manuela di Martino lil Stanislao Filice, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, bid-data tat-30 ta' Mejju, 2016[7], fejn il-fondazzjoni konvenuta pprotestat dwar il-ħlas pretiżi mis-soċjetà attriċi, liema ammonti l-fondazzjoni konvenuta allegat li kienu esaġerati tant li ġew deskritti bħala 'nieqsa mil-loġika professjonali', u mhux skont il-ftehim pattwit bejn il-partijiet. Ġiet esebita wkoll kopja ta' *email* mibgħuta mill-fondazzjoni konvenuta lil Sergio Liguori fis-27 ta' April, 2016[8] fejn sar riferiment għall-fatt li l-ewwel ftehim li kien sar bejn il-partijiet kien skada, u li kien hemm il-ħtieġa ta' inkontri bejn il-partijiet sabiex jiġu stabbiliti t-termini tar-relazzjoni l-ġdida li kienu ser jikkontrattaw bejniethom.

Il-fondazzjoni konvenuta esebiet ukoll kopja tal-kuntratt iffirmat fil-15 ta' Ottubru, 2014 bejn il-partijiet, liema ftehim ġie fi tmiemu fl-2015[9], u kopja tal-kuntratt propost mis-soċjetà attriċi bil-modalità tal-ħlas kif riveduta, liema kuntratt iżda baqa' ma ntlaħaqx ftehim dwaru bejn il-partijiet, u għalhekk ma ġiex iffirmat minnhom.[10]

Is-soċjetà attriċi ppreżentat *affidavit* ta' **Stanislao Filice** direttur ta' Lean Consulting Network Limited[11], li għamel riferiment għall-*invoice* annessa mal-*email* mibgħuta fil-25 ta' April, 2016, flimkien mal-abbozz tal-kuntratt il-ġdid

[5] *Fol.* 17 tal-proċess.
[6] *A fol.* 21 tal-proċess.
[7] *A fol.* 22 tal-proċess.
[8] *A fol.* 25 tal-proċess.
[9] *A fol.* 28 tal-proċess.
[10] *A fol.* 33 tal-proċess.
[11] *A fol.* 57 *et seq* tal-proċess.

propost mis-soċjetà attriċi[12], liema kuntratt ġie rivedut sabiex jirrifletti dak rikjest minn Manuela di Martino u mill-Avukat Alfredo De Filippo, għas-servizzi pprestati mis-soċjetà attriċi lill-konvenuta għall-perijodu bejn il-15 ta' Jannar, 2016 u l-25 ta' April, 2016. Ix-xhud Stanislao Filice allega li kienu r-rappreżentanti tal-fondazzjoni konvenuta stess li talbuh joħroġ *invoice* ġdida, u dan wara skambju ta' korrispondenza fid-19 t'April, 2016 u l-20 t'April, 2016 bejn Dott. Lucio Tonello f'isem il-fondazzjoni konvenuta u Dr. Alexander Spiteri, konsulent mas-soċjetà attriċi, u dan b'riferiment għad-dokument *a fol.* 64 tal-proċess, li għaliha ma kienx hemm risposta minn Dr Alexander Spiteri.[13] Il-fatt li ma kienx hemm risposta da parti tal-konsulent tas-soċjetà attriċi wassal għal reazzjoni negattiva mill-President tal-fondazzjoni konvenuta[14], għalkemm fis-sigħat ta' wara kien hemm talba għal inkontru bejn il-partijiet sabiex jiġu definiti b'mod aħjar is-servizzi li ġew delegati lis-soċjetà attriċi. Ix-xhud qal li kien biss wara jumejn ta' taħriġ mogħti minn Dr Alexander Spiteri lil Giulia Rabbiosi u lil Moira Azzopardi, impjegati tal-fondazzjoni konvenuta, li fis-27 t'April, 2016, il-President Manuela di Martino rrispondiet għall-*email* billi qalet li ma kinitx qiegħda taċċetta l-*invoice* annessa mal-abbozz tal-kuntratt il-ġdid, u li dawn l-ammonti pretiżi kellhom jiġu diskussi mal-bord tal-fondazzjoni konvenuta f'laqgħa li setgħet issir fit-2 ta' Mejju, 2016 f'Milan.

Ix-xhud kompla jgħid li r-rappreżentanti tal-fondazzjoni konvenuta ma infurmawx lis-soċjetà attriċi bid-dati meta kienu disponibbli għall-inkontru, u lanqas ma rrispondew meta ġew mistiedna għal inkontru f'Malta jew f'Lugano.[15] Fil-ġranet ta' wara, u minkejja li l-*emails* u l-korrispondenza l-oħra mibgħuta

[12] Esebit *a fol.* 64 tal-proċess.
[13] Kopja tal-*emails a fol.* 81 tal-proċess.
[14] Kopja tal-*email* a fol. 82 tal-proċess.
[15] Kopji tal-*emails a fol.* 84, 86 u 87 tal-proċess.

baqgħu mhux imwieġba da parti tal-fondazzjoni konvenuta, l-Avukat Alfredo Di Filippo u Giulia Rabbiosi, rappreżentanti tal-fondazzjoni konvenuta, għamlu kuntatt dirett ma' Dr Alexander Spiteri, li sa dakinhar kien għadu konsulent mas-soċjetà attriċi, liema kuntatt ġie deskritt mis-soċjetà attriċi bħala tentattiv biex ir-rwol tagħha jiġi eliminat, u dan billi din kienet istanza waħda fejn il-fondazzjoni konvenuta ttentat tagħmel kuntatti direttament ma' persuni li setgħu jtuha s-servizzi li kienet teħtieġ hawn Malta, mingħajr l-involviment tas-soċjetà attriċi. Minkejja dan l-episodju, fl-4 ta' Mejju, 2016[16] is-soċjetà attriċi kitbet lill-fondazzjoni konvenuta u talbet laqgħa bejn il-partijiet fl-uffiċċju ta' Mamo TCV Advocates.

Ix-xhud kompla jgħid li minkejja li bejn il-15 u t-18 ta' Mejju, 2016 delegazzjoni mill-fondazzjoni konvenuta kienet preżenti f'Malta, kien ċar li ma kienx hemm ir-rieda li dawn jiltaqgħu mas-soċjetà attriċi, u dan minkejja li kien hemm il-ħin li jsiru laqgħat ma' persuni oħra, fosthom, allega x-xhud, ma' rappreżentanti minn Mamo TCV Advocates, ma' rappreżentanti tal-Global College Malta sabiex magħhom jikkonkludu ftehim kummerċjali li sa dakinhar kien qiegħed jiġi segwit mis-soċjetà attriċi, laqgħat ma' Dr Marcello Cherubino minn Cherubino Limited, u saħansitra ntalbet laqgħa ma' ċertu Kevin Camilleri, rappreżentant tal-General Workers Union, kif ukoll talbu laqgħat mal-Ministru Konrad Mizzi u mal-Ministru Evarist Bartolo, filwaqt li ppruvaw jiskreditaw ix-xogħol li kien sar mis-soċjetà attriċi.

Ix-xhud għamel riferiment għal messaġġ telefoniku mibgħut mill-Professur Piras lil Dr Filice fis-16 ta' Mejju, 2016, liema messaġġ kien jgħid hekk:

[16] Kopja tal-*email a fol.* 92 tal-proċess.

> *"Ciao Stanis io sono a Malta e mi dispiace molto non incontrarti. Comprendo le difficoltà e le incomprensioni, ma spero tuttora che si possano appianare anche se un momento di riflessione e necessario. Comunque mi fa piacere sentire che tutti sono dispiacuti perché tutti riconoscono i tuoi grandi meriti ...".*

Ix-xhud qal li huwa rrisponda għal dawn il-messaġġi billi talab inkontru mal-Professur Piras, liema inkontru baqa' qatt ma seħħ. Hekk kif sad-19 ta' Mejju, 2016 ma kien hemm l-ebda korrispondenza da parti ta' LUDES HEI Foundation mas-soċjetà attriċi, ġie deċiż li l-*invoice* tal-25 t'April, 2016 mibgħuta lil L.U.de.S. Sagl (Lugano - Svizzera), tiġi kkanċellata[17], u minflok tinħareġ *invoice* sabiex titħallas mill-benefiċjarji attwali tas-servizzi reżi mis-soċjetà attriċi, LUDES HEI Foundation, liema *invoice* intbagħtet lill-President Manuela di Martino, lill-Avukat Alfredo Di Filippo u kif ukoll ġiet ikkupjata Dr Dorita Debono minn Mamo TCV Advocates. Ix-xhud spjega kif l-*invoice* tad-19 ta' Mejju, 2016 bir-referenza LCN008/2016 għall-ammont ta' €20,500 (€24,190 bil-VAT inkluża), kienet tinkludi s-servizzi reżi lill-fondazzjoni konvenuta matul il-perijodu bejn il-15 ta' Jannar, 2016 u l-20 ta' April, 2016, filwaqt li l-*invoice* maħruġa lil L.U.de.S Sagl (Svizzera) bir-referenza LCN 004/2016 għall-ammont totali ta' €21,240, u li sussegwentement ġiet ikkanċellata, kienet għas-servizzi reżi fil-perijodu bejn il-15 ta' Jannar, 2016 u t-30 ta' Marzu, 2016.[18] Id-differenza fl-ammonti pretiżi hi ta' €2,500 (€2,950 bil-VAT inkluża), u dan minħabba li fit-tieni *invoice* mibgħuta, ġew inklużi s-servizzi reżi tul April 2016. Filice kompla jgħid li fit-30 ta' April, 2016, il-ġurnata meta kien jiskadi t-terminu konċess lill-fondazzjoni konvenuta sabiex tagħmel il-ħlas pretiż, hu rċieva *email* mill-President Manuela Di Martino fejn din mhux biss ikkontestat l-ammont pretiż, iżda b'dak li allegat ippruvat ixxejjen għalkollox ix-xogħol li kien sar mis-soċjetà attriċi.[19] Kien in segwitu għal

[17] Skont l-*email a fol.* 93 tal-proċess.
[18] *A fol.* 79 u 80 tal-proċess.
[19] *A fol.* 101 tal-proċess.

din il-korrispondenza, li s-soċjetà attriċi ddeċidiet li tipproċedi bil-kawża odjerna minħbba li deher ċar li ma kienx hemm volontà sabiex jintlaħaq ftehim ekwu bejn il-partijiet.

Ix-xhud allega wkoll li fir-rigward tal-ewwel kuntratt ta' konsulenza li jġib id-data tal-15 ta' Ottubru, 2014[20], il-ftehim kien jirrigwarda ħlas ta' €20,000 sabiex il-fondazzjoni konvenuta tiġi megħjuna tikseb akkreditazzjoni min-National Commission for Further and Higher Education, u mhux minnu li l-ftehim kien għall-ħlas ta' €2,000 fix-xahar għall-forniment ta' servizzi ta' konsulenza. Hu spjega wkoll li l-kuntratt tal-15 t'Ottubru, 2014 ma sarx bejn LUDES HEI Foundation u Lean Consulting Network Limited, iżda bejn L.U.de.S. Svizzera u Dott. Stanislao Filice personalment, u li l-ħlasijiet dovuti lil Dott Filice u sussegwentement lil Lean Consulting Network, saru mill-assoċjazzjoni DIDAGEST. Ix-xhud qal li l-kuntratt tal-15 ta' Ottubru, 2014 kien biss parti minn sensiela ta' arranġamenti li l-partijiet kellhom bejniethom, u li minkejja li l-liċenzja ta' *provider*, kienet inkisbet għall-fondazzjoni konvenuta f'Lulju, 2015, din il-liċenzja fuq għażla tas-soċjetà attriċi ma ġietx irtirata għax kien għadu mhuwiex ċar x'riedu r-rappreżentanti ta' LUDES dwar kif kellhom jipproċedu u jekk kellhiex tiġi ffurmata fondazzjoni taħt il-liġi Maltija, liema fondazzjoni ma kellhiex bidu faċli minħabba d-diversi tibdiliet li kontinwament kienu qed isiru mir-rappreżentanti tagħha.

Ix-xhud qal ukoll li hekk kif skada l-ewwel kuntratt fl-14 ta' Jannar, 2016, il-fondazzjoni konvenuta kompliet titlob servizzi ta' konsulenza mingħand is-soċjetà attriċi. Ix-xhud allega li l-*management* tal-fondazzjoni konvenuta kollu kien jaf bl-arranġamenti kummerċjali li ntlaħqu mas-soċjetà attriċi, kif jirriżulta

[20] *A fol.* 123 tal-proċess.

minn *recording* ta' konverżazzjoni tat-8 ta' Marzu, 2016 u minn kopji ta' *emails* esebiti minnu. Ix-xhud esebixxa kopji tad-dokumenti u korrispondenza li sar riferiment għalihom fl-*affidavit* tiegħu.[21]

**Sergio Liguori**, direttur ta' Lean Consulting Network Limited[22], xehed permezz ta' l-*affidavit* fejn qal li in segwitu għall-kisba ta' liċenzja mill-fondazzjoni konvenuta bħala *higher education institution,* u l-assenjazzjoni tal-liċenzja fl-14 ta' Jannar, 2016, is-soċjetà attriċi baqgħet tipprovdi servizzi ta' konsulenza, ta' appoġġ amministrattiv u ta' ġestjoni tas-sistema ta' kwalità lill-fondazzjoni konvenuta, skont il-ftehim li kien intlaħaq mal-President Manuela di Martino u l-Avukat Alfredo di Filippo. L-għan tal-ftehim il-ġdid kien li jkun hemm proċess ta' strutturar li permezz tiegħu l-fondazzjoni konvenuta setgħet tikseb għarfien tal-korsijiet tagħha min-National Commission for Further and Higher Education u l-akkreditazzjoni bħala 'università'. Għal dan il-għan, is-soċjetà attriċi pprovdiet konsulent sabiex jgħin fl-iżvilupp ta' sistema ta' kwalità lill-fondazzjoni konvenuta, u dan bl-għarfien, bl-approvazzjoni u bl-awtorizzazzjoni tagħha, skont il-ftehim iffirmat nhar it-22 ta' Frar, 2016 bejn is-soċjetà attriċi u Dr Alexander Spiteri.[23] Liguori qal li fil-fatt is-servizz ta' konsulenza mogħti minn Dr Alexander Spiteri beda f'Jannar tas-sena 2016, u dan skont ftehim mal-fondazzjoni konvenuta, u li l-President Manuela di Martino u l-Avukat Alfredo Di Filippo permezz ta' kuntatti ta' kuljum, awtorizzaw lis-soċjetà attriċi tutilizza s-servizzi ta' Dr Alexander Spiteri. Ix-xhud speċifika wkoll li l-kuntratt ma' Dr Alexander Spiteri sar mis-soċjetà attriċi minħabba nuqqas ta' fondi li kellha l-fondazzjoni konvenuta. Il-livell ta' involvement ta' Dr Alexander Spiteri u s-servizzi mogħtija minnu lill-fondazzjoni konvenuta ġew deskritti minnu fid-

[21] *A fol.* 64 sa fol. 296 tal-proċess
[22] *A fol.* 745 tal-proċess.
[23] *A fol.* 447 tal-proċess.

dikjarazzjoni tiegħu, fejn dan qal li għas-servizzi pprestati minnu fil-perijodu bejn l-20 ta’ Jannar, 2016 u l-aħħar ta’ April, 2016, kienu dovuti lilu €8,378 (bil-VAT inkluża). Għal dan is-servizz, is-soċjetà attriċi ħallset hi, minħabba li l-fondazzjoni konvenuta naqset li tirrikonoxxi dan ix-xogħol. Il-konsulenza mogħtija lill-fondazzjoni konvenuta ma kinitx biss tirrigwarda l-ġestjoni tas-sistema ta’ kwalità adoperata mill-konvenuta, iżda wkoll sistemi ta’ *audit* intern u estern, u proċedura ta’ akkreditazzjoni, kif ukoll kors ta’ taħriġ għal żewġ persuni sabiex ikunu jistgħu joperaw, waħda mill-Iżvizzera u l-oħra minn Malta. Dan il-kors sar sal-aħħar ta’ April, 2016, minn Dr Alexander Spiteri, permezz ta’ kollegamenti bl-Iskype, bl-*email* kif ukoll permezz ta’ inkontri diretti ma’ Dr Spiteri. Ix-xhud esebixxa wkoll dokumentazzjoni bil-kollegamenti telefoniċi kollha li saru wara l-14 ta’ Jannar, 2016 ma’ diversi esponenti mill-fondazzjoni konvenuta, partikolarment mal-President Manuela di Martino, mal-Avukat Alfredo Di Filippo, mal-Professur Lucio Tonello, mal-Professur Vincenzo Piras mill-Università ta’ Cagliari, kif ukoll ma’ Joelle Sotgiu, rappreżentant ta’ LUDES.[24] Apparti dawn it-telefonati u messaġġi, kien hemm ukoll kuntatti ma’ konsulenti oħra mis-soċjetà attriċi, fosthom ma’ Sergio Liguori, ma’ Dr Alexander Spiteri u ma’ Moira Azzopardi, kif ukoll kuntatti bl-Iskype, u bil-Whatsapp.

Ix-xhud kompla jgħid li l-fondazzjoni konvenuta kellha għarfien tajjeb tat-tip ta’ servizz mogħti lilha mis-soċjetà attriċi, u li s-servizzi pprestati mis-soċjetà attriċi kienu maqbula mal-President tal-fondazzjoni konvenuta, Manuela di Martino, kif ukoll mal-Avukat Alfredo Di Filippo, u anki kienu kristallizzati fl-abbozz tal-kuntratt mibgħut lill-fondazzjoni konvenuta fit-8 ta’ Marzu, 2016. Dan l-istess

[24] Il-*logs* ta’ dawn it-telefonati jinsabu esebiti *a fol.* 322 sa 441 tal-proċess.

abbozz ta' kuntratt kien intbagħat permezz ta' *email* fid-9 ta' Marzu, 2016 minn Sergio Liguori lill-President Manuela di Martino u lill-Avukat Alfredo Di Filippo.[25] Ix-xhud kompla jgħid li l-fondazzjoni konvenuta ma pproponiet l-ebda tibdil għall-kuntratt propost u mibgħut mis-soċjetà attriċi, u lanqas għamlet korrezzjonijiet għall-ammonti mitluba, u kien għalhekk li s-soċjetà attriċi baqgħet toffri s-servizzi tagħha, kif għamlu wkoll il-professjonisti l-oħrajn ingaġġati minnha, Beat Limited ta' David Galea bħala *accountant,* Robert Borg & Associates Ltd bħala awdituri, u d-ditta legali Mamo TCV Advocates. Ix-xhud Sergio Liguori allega li min-naħa tagħha LUDES Foundation HEI kompliet tużufruwixxi ruħha mis-servizzi mogħtija mis-soċjetà attriċi, filwaqt li ġġustifikat il-fatt li l-kuntratt bejn il-partijiet kien għadu mhux iffirmat u l-fatt li l-ħlas dovut għas-servizzi pprovduti ma sarx, billi allegat li kienet qiegħda ssofri minn nuqqas ta' fondi da parti tas-soċjetà L.U.de.S. Sagl. Ix-xhud kompla li tul dan iż-żmien kollu, is-soċjetà attriċi baqgħet tipprovdi servizzi ta' konsulenza u ta' assistenza sabiex tassigura li l-fondazzjoni konvenuta tistabbilixxi lilha nnifisha f'Malta b'mod korrett. Hu ppreċiża li minbarra l-ġestjoni tas-sistema ta' kwalità, is-soċjetà attriċi eżerċitat b'mod kontinwu funzjoni amministrattiva u ta' operat ta' kuljum fit-territorju Malti, dejjem bi ftehim mal-konvenuta u mar-rappreżentanti tagħha.

Fost is-servizzi reżi mis-soċjetà attriċi, kien hemm l-identifikazzjoni ta' Global College Malta, bħala sieħba li ppermettiet lill-fondazzjoni konvenuta tiġi akkreditata bħala *higher education institution* mingħajr spejjeż ta' bini ta' strutturi, ħlasijiet ta' kera, u spejjeż oħra, u li esiġiet biss li jkun hemm reċiproċità fl-ispejjeż u ġbir ta' flus marbuta ma' korsijiet u studenti, u dan permezz ta' kuntratt iffirmat f'Mejju, 2016. Ix-xhud qal li kien biss bis-saħħa tax-

[25] *A fol.* 455 sa 462 tal-proċess.

xogħol li għamlet is-soċjetà attriċi li kien possibbli għall-fondazzjoni konvenuta li torganizza korsijiet f'Malta anki permezz tal-appoġġ offrut mill-Global College Malta. Ix-xhud spjega kif kien hemm ftehim ma' operaturi lokali li offrew appoġġ, fosthom ma' Cherubino Limited, għal sħubija ta' parteċipazzjoni fl-'Investment and Redevelopment of Mount Carmel Hospital' taħt l-awspiċju tal-Malta Enterprise.[26] Ix-xhud qal li saru kuntatti ma' Profs. Nicolai J. Attard, Dekan fil-Fakultà tad-Dentistrija għall-iżvilupp ta' kors fl-ortodontrija, kif ukoll saru kuntatti ukoll ma' Kevin Camilleri, Deputat Segretarju Ġenerali tal-General Workers Union, u ma' Denis Borg, Segretarju Ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ Italo-Maltija. Ix-xhud kompla jispjega kif is-soċjetà attriċi identifikat lil Mamo TCV Advocates bħala konsulenti legali, kif ukoll bniet kuntatti ma' David Galea u ma' Robert Borg bħala awditur, u dan sabiex setgħet toffri servizzi aħjar lill-fondazzjoni konvenuta.

Fl-*invoice* bir-referenza LCN008/2016 mibgħuta fid-19 ta' Mejju, 2016, għall-ammont ta' €24,190, kien ippreċiżat li dan l-ammont kien qiegħed jintalab għal servizzi ta' konsulenza, kif ukoll għal servizzi oħrajn mogħtija b'mod kontinwu minn Lean Consulting Network Ltd lill-fondazzjoni konvenuta, fuq talba tal-konvenuta stess. Hu kompla jispjega kif servizzi oħra pprovduti kienu jinkludu l-amministrazzjoni ta' kontijiet bankarji[27], ir-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT[28], servizzi ta' traduzzjoni, servizzi ta' intermedjazzjoni mal-BOV, appoġġ sabiex infetaħ *website* b'mod li dan ikun jirrifletti r-regolamenti stabbiliti mill-NCFHE. Ix-xhud allega li l-persunal ta' LUDES Foundation HEI ma kienx ippreparat għax-xogħol kollu li kien meħtieġ sakemm din l-istituzzjoni stabbiliet ruħha hawn Malta. Hu qal ukoll li kien hemm ċerti rikjesti li saru min-naħa tal-fondazzjoni

[26] *A fol.* 466 tal-proċess.
[27] Kif jirriżulta minn *fol.* 522 tal-proċess.
[28] *A fol.* 579 tal-proċess

konvenuta li kienu jmorru lil hinn minn sempliċi talbiet għal konsulenzi, bħalma kien il-ħlas għat-trasferiment ta' żewġ impjegati tal-konvenuta Giulia Rabbosi u Noemi Gavallotti, li l-fondazzjoni konvenuta talbet lis-soċjetà attriċi sabiex tieħu ħsieb hi. Ix-xhud semma wkoll istanza partikolari fejn l-Avukat Alfredo Di Filippo mill-fondazzjoni konvenuta, talab konsulenza speċifika ma' Dr Alexander Spiteri dwar il-konferiment tal-grad *honoris causa* f'Malta, u dan minħabba li kien hemm il-ħsieb li hekk kif il-fondazzjoni konvenuta tiġi akkreditata bħala università, din tibda tikkonferixxi *degrees* fil-livell *honoris causa*.[29] Hu spjega kif il-fondazzjoni konvenuta hi akkreditata bħala *higher education institution,* u in vista ta' dan, ma tistax tikkonferixxi gradi f'ċerti livelli, għaliex mhix akkreditata bħala università. Minkejja dan, fit-8 ta' April, 2016, il-fondazzjoni konvenuta bagħtet invit lil Dott. Stanislao Filice għal avveniment li kien maħsub li jsir fit-2 ta' Mejju, 2016 għall-konferiment ta' gradi fil-livell *honoris causa* f'suġġetti partikolari, u dan b'kollaborazzjoni ma' università f'Bari. Hu qal li din is-sitwazzjoni ħolqot konflitti ġodda, u dan minħabba li s-soċjetà attriċi kienet responsabbli mill-kontroll tal-kwalità tas-servizzi offruti mill-fondazzjoni konvenuta, u kien għalhekk li din intalbet ma tipproċedix bil-konferiment tal-gradi fil-livell *honoris causa* qabel ma jkollha l-akkreditazzjonijiet meħtieġa.

Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2017 xehdet **Edel Cassar**[30], prodotta mis-soċjetà attriċi, li sal-aħħar tas-sena 2016 hi kienet is-CEO tan-*National Commission for Higher Education.* Ix-xhud ikkonfermat li l-fondazzjoni konvenuta kienet liċenzjata bħala *higher education institution* f'Malta. Mistoqsija kinux Sergio Liguori u Stanislaw Filice li kienu qegħdin jagħmlu kuntatt mal-Kummissjoni sabiex tingħata l-akkreditazzjoni lill-fondazzjoni konvenuta, ix-xhud wieġbet li

[29] *Email a fol.* 524 tal-proċess.
[30] *A fol.* 599 et seq tal-proċess.

hija kemm-il darba kellha kuntatt ma' dawn il-persuni, u li l-proċess ta' akkreditazzjoni tal-fondazzjoni konvenuta kien jinvolvi kemm diskussjonijiet fuq diversi livelli u sottomissjonijiet ta' applikazzjonijiet qabel tingħata l-akkreditazzjoni, kif ukoll il-bini ta' relazzjoni aktar professjonali wara li tingħata l-liċenzja, "relazzjoni ta' jien irrid niċċekkja x'inti tagħmel u int qed tiċċekkja miegħi li dak li qed nagħmel huwa in line ta' dak li int akkreditajt." Ix-xhud ikkonfermat li l-proċess ta' akkreditazzjoni jieħu tul ta' żmien.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **David Galea**[31], *accountant* u *manager,* li kien qiegħed jieħu ħsieb iżomm il-kotba ta' LUDES Foundation (HEI), liema inkarigu hu bdieh f'Ġunju, 2016. Hu qal li l-fondazzjoni konvenuta ġiet introdotta lilu minn Stanislao Filice, waqt li x-xhud kien qiegħed jirrappreżenta lil Global College Malta. David Galea kkonferma li kien hemm il-ħsieb li jkun hemm kollaborazzjoni bejn Global College Malta u Ludes Higher Education Institution, tant li kienu ser jużaw l-istess *premises.* Hu qal li l-ftehim dwar il-ħlas għall-kera kellu jkun abbażi tan-numru ta' studenti, u li għall-perijodu bejn Awwissu 2015 u Ġunju 2016 hu ma baqax involut fid-diskussjonijiet. Ix-xhud ikkonferma li l-kuntatt ewlieni li hu kellu kien ma' Stanislao Filice mis-soċjetà attriċi.

Fl-istess udjenza xehed **Dennis Borg**[32], Segretarju Ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ Italo-Maltija, li qal li Ludes Higher Education Institution kienet għamlet kuntatt mal-Kamra tal-Kummerċ Italo-Maltija permezz ta' Stanislao Filice minn Lean Consulting Network. Hu qal li l-għan ta' dan il-kuntatt kien sabiex jiġi stabbilit rapport mal-membri tal-Kamra tal-Kummerċ Taljana li għandha preżenza f'numru ta' pajjiżi, sabiex dawn ikunu jistgħu jgħinu lill-fondazzjoni konvenuta għal skopijiet ta' *marketing* u promozzjoni.

[31] *A fol.* 604 tal-proċess.
[32] *A fol.* 608 tal-proċess.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-atti ta' din il-kawża fl-24 ta' Frar, 2017[33], il-fondazzjoni konvenuta għamlet riferiment għad-diversi dokumenti esebiti fl-atti tal-kawża mis-soċjetà attriċi, u b'riferiment speċifiku għall-*invoice* bir-referenza LCN 008/2016, allegat li s-servizzi hemm imsemmija qatt ma ngħataw, jew saħansitra qatt ma ntalbu u/jew ġew prestati lill-fondazzjoni konvenuta. Dwar il-fattura *'Review and development of LUDES QA Manual and related documentation and procedures',* il-fondazzjoni konvenuta qalet li dan il-manwal qatt ma tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-fondazzjoni, tant li l-fondazzjoni qiegħda tipprova tfassal dokument simili. Il-fondazzjoni konvenuta qalet li ma jirriżultalhiex li manwal ta' dan it-tip ġie mfassal u pprovdut lilha.

Dwar il-fattura *'Managing business development and supporting administration services',* il-fondazzjoni konvenuta qalet li hi ma tistax tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' natura kummerċjali, u għalhekk hi żgur li qatt ma wettqet jew kellha l-ħsieb li twettaq attivitajiet simili għal dawk deskritti fl-*invoice* mibgħuta lilha. Qalet ukoll li l-uniċi servizzi amministrattivi li hi setgħet ibbenefikat minnhom ma ġewx fornuti lilha mis-soċjetà attriċi.

Fir-rigward tal-fattura *'Provision of information with respect to support in the development of e-learning based programmes',* il-fondazzjoni konvenuta qalet li hi ġiet akkreditata sabiex tagħti lezzjonijiet lil studenti li jkunu preżenti fi klassi, u li hi m'għandha l-ebda permess tagħti lezzjonijiet permezz ta' sistema ta' *e-learning.* Inoltre dan is-servizz kien wieħed propost mis-soċjetà attriċi, iżda li ġie skartat mill-fondazzjoni konvenuta minħabba li ġie deċiż li ma kienx prattiku u vijabbli.

[33] *A fol.* 612.

Dwar il-fattura '*Recommending website upgrade'*, il-fondazzjoni konvenuta qalet li s-soċjetà attriċi qatt ma kienet involuta f'xi xogħol ta' aġġornament tal-*website* ta' LUDES HEI, u li l-uniku involviment li s-soċjetà attriċi seta' kellha f'dan ir-rigward kien madwar erba' telefonati fejn ġie diskuss fil-qosor is-sit elettroniku li madanakollu kien qiegħed jiġi ddisinjat minn tekniċi ta' LUDES stess.

Dwar il-fattura '*Training of QA staff on review / upgrading of LUDES IQA in line with revised manual and procedures',* il-fondazzjoni konvenuta qalet li l-uniku taħriġ li sar da parti tas-soċjetà attriċi kien dak li ngħata lil Giulia Rabbiosi għal perijodu kumplessiv ta' sitt sigħat, li tqassmu fuq tlitt ijiem differenti.

Ir-risposta għal din in-nota ngħatat mis-soċjetà attriċi permezz ta' *affidavit* ta' **Sergio Liguori**[34], li għamel riferiment għall-punti speċifiċi imqajma fl-imsemmija. Dwar l-allegazzjoni li l-fondazzjoni konvenuta ma tistax tinvolvi ruħha f'attivitajiet ta' natura kummerċjali, ix-xhud għamel riferiment għall-artikolu 6.2 tal-Istatut tal-Fondazzjoni[35], li testwalment jaqra hekk:

> *"Focus on study, education, training, as well as on scientific and technological research; (b) Offer service activities, establish relationships with public and private bodies by means of contracts and agreements, create learning centres in Malta and/or abroad, participate in consortia.'*

Ix-xhud qal li hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 7 tal-Istatut tal-fondazzjoni, il-fondazzjoni konvenuta tista' tipparteċipa f'attivitajiet kummerċjali ta' soċjetà eżistenti, bħalma hi l-L.U.de.S. (Libera Università degli Studi di Scienze Umane e Technologiche Limited), u li l-attivitajiet in kontestazzjoni, ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' azzjonijiet kummerċjali li l-fondazzjoni konvenuta tkun qiegħda tesponi ruħha jekk tingaġġa fihom. Ix-xhud kompla jgħid li s-servizzi pprovduti

[34] *A fol.* 617 tal-proċess.
[35] Kopja tiegħu annessa *a fol.* 621 tal-proċess.

mis-soċjetà attriċi kienu jiffurmaw parti integrali mill-proċess ta' akkreditazzjoni tal-fondazzjoni konvenuta. Skont Liguori, huwa għalhekk li l-kontestazzjoni mqajma mill-fondazzjoni konvenuta fit-tieni punt tan-nota tagħha, mhux biss ma tagħmilx sens, iżda tmur kontra l-iskop li għalih ġiet imwaqqfa l-fondazzjoni. Liguori kompla jgħid li sa fejn is-servizzi pprestati mis-soċjetà attriċi kienu ta' utilità għall-fondazzjoni konvenuta, tant li ġew aċċettati u rikonoxxuti minnha, dawn kienu servizzi meħtieġa għall-iskop li għalih il-fondazzjoni ġiet imwaqqfa. L-aspett tal-*managing business development* hu parti minn ċiklu ta' attivitajiet li hemm il-ħtieġa li jsiru sabiex ikun hemm reklutaġġ ta' studenti. Ix-xhud iċċita episodji fejn il-fondazzjoni konvenuta għamlet użu ħażin mit-terminoloġija 'università', sabiex tirreklama lilha nnifisha, u għamel riferiment għall-fatt li kien hemm il-ħtieġa li l-użu skorrett tat-terminoloġija jiġi kkoreġut, anki sabiex tingħata informazzjoni korretta lill-utent aħħari tas-servizz. Ix-xhud kompla li l-fondazzjoni saħansitra kkjarifikat fl-istatut tagħha, il-modi li bihom hija tista' tingaġġa impjegati u tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha, inkluż permezz tas-servizzi ddelegati lis-soċjetà attriċi. Fid-dawl ta' dan kollu, ix-xhud ikkonkluda li dak deskritt bħala *managing business development* u *supporting administration services* huma servizzi ta' konsulenza rikjesti da parti tal-fondazzjoni konvenuta mis-soċjetà attriċi.

Fir-rigward tas-servizzi li ngħataw mis-soċjetà attriċi għar-rigward tal-*website*, li l-fondazzjoni konvenuta ppruvat tagħti x'tifhem li kienu jinvolvu biss xi erba' telefonati, filwaqt li allegat li s-soċjetà attriċi donnha li kienet qiegħda tivvinta servizzi li mhux vera ġew ipprestati sabiex tiġġustifika l-ħlas pretiż minnha, ix-xhud elenka, permezz ta' sensiela ta' dokumenti esebiti, ix-xogħol kollu li sar mis-soċjetà attriċi sabiex tinħoloq *website* għall-fondazzjoni konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li minkejja l-konsulenzi u l-pariri kontinwi anki dwar l-użu tat-

terminoloġija korretta, il-fondazzjoni konvenuta baqgħet tinjora dawn il-pariri, u f'pubblikazzjonijiet u dokumenti esebiti mix-xhud, jidher li l-fondazzjoni konvenuta baqgħet tirriklama l-konferiment ta' gradi *honoris causa*, anki meta ma kinitx akkreditata biex tagħmel dan.[36] Ix-xhud għamel riferiment ukoll għall-parir mogħti minn Dr Alexander Spiteri lill-Avukat Alfredo Di Filippo[37], fejn dan infurmah li f'Malta hija biss l-Università ta' Malta li tista' tikkonferixxi l-grad *honoris causa* u l-ebda istituzzjoni oħra. Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li l-attitudni tal-fondazzjoni konvenuta tul ir-relazzjoni li bniet mas-soċjetà attriċi, fejn minkejja l-pariri u l-konsulenzi mogħtija, din baqgħet tuża terminoloġija improprja u tikkonferixxi gradi li ma kinitx akkreditata li tagħti, wassal lis-soċjetà attriċi għall-konklużjoni li l-problema ewlenija tal-fondazzjoni konvenuta kienet li din ma riditx tirrikonoxxi x-xogħol li wettqet is-soċjetà attriċi speċjalment fejn din kienet qiegħda tiggwidaha biex tħares il-liġijiet ta' Malta fir-rakkomandazzjonijiet li kienet tagħmel.

Fl-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2017, xehed **Stanislao Filice**[38], rappreżentant tas-soċjetà attriċi, li spjega fid-dettall in-natura tas-servizzi reżi lill-fondazzjoni konvenuta. Hu qal li s-soċjetà attriċi tat lill-fondazzjoni konvenuta konsulenzi dwar ir-regolamentazzjoni tas-sistemi ta' kwalità, anki bl-għajnuna ta' organigrammi, bil-preparazzjoni ta' dokumentazzjoni dwar ir-regolamenti li għandha timxi magħhom il-fondazzjoni konvenuta, informazzjoni li tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-fondazzjoni konvenuta dwar il-*website*, b'mod li jindika li mhux biss ix-xogħol ġie riċevut mill-fondazzjoni konvenuta, iżda wkoll aċċettat billi intuża minnha. Hu qal li mhux minnu li s-soċjetà attriċi bdiet tivvinta servizzi

[36] Ritratti esebiti *a fol.* 724 et seq tal-proċess.
[37] *A fol.* 524 tal-proċess.
[38] *A fol.* 898 tal-proċess.

pprestati minnha sabiex tippretendi ħlas ogħla mingħand il-konvenuta, kif allegat minnha. Hu qal li saru diversi akkordji ma' partijiet interessati, fosthom mal-Global College Malta, ingħataw pariri dwar il-mod kif għandha titmexxa l-azjenda tal-fondazzjoni konvenuta, dwar il-mod kif għandha tinkiseb l-akkreditazzjoni, saru interventi mal-NHCE f'Malta u kien anki minħabba f'dawn l-interventi li setgħet tinkiseb l-akkreditazzjoni għall-fondazzjoni konvenuta.

Fl-istess udjenza xehed **Sergio Liguori**[39], li b'riferiment għall-imsemmija nota tal-fondazzjoni konvenuta, qal li minkejja li r-rwol ewlieni tal-fondazzjoni hu li toffri korsijiet ta' formazzjoni edukattiva u ta' studju, madanakollu hu maħsub ukoll li tali korsijiet jiġu pprovduti permezz ta' azjenda kummerċjali jew it-twaqqif ta' kumpannija, "*all'interno dello stesso statuto è prevista una compagnia che è una limited che svolgera quindi un'attività da punto di vista commerciale per la stessa fondazione.*"

Liguori qal li r-rwol tas-soċjetà attriċi fir-relazzjoni li kellha mal-konvenuta, kien wieħed ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni, u li anki fir-rigward tal-*website*, kien hemm talba speċifika min-naħa tal-fondazzjoni konvenuta sabiex tingħata għajnuna teknika li kienet tirrikjedi ferm aktar xogħol mill-erba' telefonati kif allegat il-fondazzjoni konvenuta f'dan ir-rigward. Ix-xhud insista li x-xogħol tas-soċjetà attriċi kien wieħed li jirrikjedi sorveljanza tal-kwalità, u li mill-mument li beda l-proċess ta' akkreditazzjoni tal-fondazzjoni konvenuta, kien hemm skrutinju kontinwu sabiex jiġi evitat li l-fondazzjoni konvenuta ġġarrab penalitajiet jew sanzjonijiet għan-non-osservanza tar-regoli stabbiliti, bħall-użu korrett tat-terminu 'università' u t-tip ta' korsijiet li kienet akkreditata biex toffri.

[39] *A fol.* 899A tal-proċess.

Minkejja dan, ix-xhud qal li kien hemm diversi istanzi fejn kontra l-pariri mogħtija lilha mis-soċjetà attriċi, il-fondazzjoni konvenuta irreklamat lilha nnifisha bħala 'università' u offriet korsijiet li ma kinitx akkreditata biex toffri.

Is-soċjetà attriċi esebiet ukoll *affidavit* ulterjuri ta' **Dr Alexander Spiteri**[40], b'riferiment għan-nota ppreżentata mill-fondazzjoni konvenuta, fejn din allegat prinċipalment li l-Manwal LUDES QA ma kienx ingħata lilha, tant li lanqas biss kienet taf bl-eżistenza tiegħu, li l-provvista ta' informazzjoni fir-rigward ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' korsijiet ta' *e-learning* kienet meqjusa bħala xi ħaġa mhux prattika u vijabbli, li s-soċjetà attriċi qatt ma ħadmet fuq aġġornament tal-*website* tal-fondazzjoni konvenuta u li l-konvenuta ma bbenefikatx minn xi xogħol bħal dan, kif ukoll li l-uniku taħriġ li ngħata kien lil Giulia Rabbiosi, fil-forma ta' tliet sessjonijiet bil-mezz tal-Iskype, għal total ta' sitt sigħat. Ix-xhud irrisponda għal dawn l-allegazzjonijiet billi qal li bejn Jannar u April 2016 hu kien ħadem fuq dokument preliminari[41] bil-għan li jiġi żviluppat il-Manwal QA għall-fondazzjoni konvenuta. Ix-xhud qal ukoll li l-provvista ta' informazzjoni min-naħa tiegħu fir-rigward tal-iżvilupp ta' programmi bbażati fuq l-*e-learning* kienet inkluża fit-termini ta' referenza tal-ingaġġ tiegħu. Hu qal li fil-fatt dan is-servizz ġie pprovdut fil-konsultazzjonijiet verbali li hu kellu ma' Dott. Stanislao Filice bejn Marzu u April tas-sena 2016. Bl-istess mod, il-konsultazzjonijiet dwar l-aġġornament tal-*website*, ingħataw minnu bejn Marzu u April tas-sena 2016, u kienu wkoll inklużi fit-termini ta' referenza mogħtija lilu. Fir-rigward tal-provvista ta' taħriġ lil parteċipanti u/jew impjegati tal-fondazzjoni konvenuta, ix-xhud qal li LUDES kellha l-għażla li tagħżel parteċipanti għal parteċipazzjoni sħiħa fil-korsijiet offruti, kif ukoll li jintagħżlu persuni sabiex jipparteċipaw fuq bażi *ad*

[40] *A fol.* 903 et seq tal-proċess.
[41] Esebit *a fol.* 948 tal-proċess.

*hoc.* Il-fondazzjoni konvenuta għażlet lil Giulia Rabbosi u lil Moira Azzopardi sabiex jipparteċipaw fil-kors sħiħ, kif ukoll intgħażlu numru ta' impjegati ta' LUDES sabiex jipparteċipaw f'sessjonijiet *ad hoc*. Ix-xhud elenka l-ġranet li fihom inżammu s-sessjonijiet flimkien mal-ismijiet tal-parteċipanti, kif ukoll qal li kienet qiegħda tiġi ppjanata sessjoni ta' taħriġ maqsuma fuq jumejn li kellha ssir fl-Iżvizzera f'Ġunju tal-2016. Ix-xhud esebixxa wkoll kopji tal-korrispondenza kollha li għaddiet bejn il-partijiet f'dan ir-rigward.[42]

Il-fondazzjoni konvenuta esebiet kopja ta' *affidavit* tal-Avukat **Alfredo Di Filippo**[43], fejn dan għamel eċċezzjonijiet anki ta' natura proċedurali fir-rigward tal-proċeduri odjerni. Ix-xhud qal li l-kuntratt oriġinali bejn il-partijiet hu regolat mil-liġi Żvizzera, li huwa l-ftehim li kien sar bejn Dott. Stanislao Filice u L.U.de.S Sagl (Lugano) u li b'mod arbitrarju u unilaterali, Stanislao Filice kien ċeda l-inkarigu tiegħu bis-saħħa ta' dak il-ftehim lil Lean Consulting Network Limited, filwaqt li informa lil L.U.de.S b'dan permezz ta' nota tas-27 ta' Lulju, 2015. Ix-xhud kompla jgħid li b'dan l-'assorbiment' Lean Consulting Network Limited assumiet l-aspetti kollha ta' fatt u ta' dritt tal-ftehim bejn Dott. Stanislao Filice u L.U.de.S Sagl (Lugano), u minkejja li l-kuntratt oriġinali kien jiskadi fl-14 t'April, 2016, b'mod arbitrarju s-soċjetà attriċi ddeċidiet li l-kuntratt li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet kellu jiġi fi tmiemu fl-14 ta' Jannar, 2016. Ix-xhud qal li dan il-kuntratt qatt ma ġie mġedded, tant li Sergio Liguori kien bagħat abbozz ta' kuntratt ġdid fid-29 ta' April, 2016, fejn speċifika li dan kien qiegħed jintbagħat lill-fondazzjoni konvenuta sabiex taċċettah jew tipproponi emendi għalih. Inkontru maħsub għat-2 ta' Mejju, 2016, sabiex jiġu diskussi t-termini tal-kuntratt ġdid kif abbozzat, baqa' ma seħħx, allegatament minħabba li ħadd mis-

[42] *A fol.* 907 sa *fol.* 951 tal-proċess.
[43] *A fol.* 954 tal-proċess.

soċjetà attriċi ma kkonferma li kien ser jattendi għal din il-laqgħa proposta mill-fondazzjoni konvenuta. Ix-xhud qal li dan l-abbozz intbagħat lill-fondazzjoni konvenuta minn Sergio Liguori nnifsu, u dan minkejja li l-kuntratt oriġinali ffirmat minnu stess, kien jispeċifika li l-kuntratt oriġinali kellu jiġi fi tmiemu fl-14 ta' April, 2016.

Fl-istess *email* tad-29 ta' April, 2016, is-soċjetà attriċi rrikonoxxiet li l-kuntratt propost minnha ma kienx ġie approvat[44], u minkejja li ntalbu ħin u ġurnata għal inkontru sabiex isiru l-kjarifiċi meħtieġa, dawn baqgħu qatt ma saru. Ix-xhud saħaq li r-rapport kontrattwali bejn L.U.de.S (Sagl di Lugano) u Dott. Stanislao Filice kien għall-perijodu bejn il-15 t'Ottubru, 2014 sal-14 ta' April, 2016. Hu qal li dan tant hu minnu, li l-*invoices* baqgħu jinħarġu lil L.U.de.S Sagl ta' Lugano, u dawn baqgħu jiġu mħallsa b'mod regolari sal-1 ta' April, 2016. Hu kompla li kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, is-servizzi msemmija kienu kollha regolati mill-kuntratt oriġinali u għalhekk kwalsiasi konflitt għandu jiġi regolat mill-Qrati u mil-liġijiet tal-Iżvizzera u dan minħabba fid-dispost tal-Artikolu 12 tal-ftehim oriġinal, li jistipula li hi l-liġi Żvizzera li tirregola l-ftehim bejn il-partijiet.

L-Avukat Di Filippo kompla jgħid li l-uniku kuntratt li jorbot lis-soċjetà attriċi mal-L.U.de.S Sagl hu l-kuntratt oriġinali magħmul taħt il-liġi tal-Iżvizzera, u li l-ebda ftehim ieħor ma ġie maqbul jew iffirmat bejn il-partijiet. Ix-xhud kompla jgħid li l-*invoice* għall-ammont pretiż ta' €24,190[45], inħarġet fil-25 ta' April, 2016 lil L.U.de.S Sagl di Lugano, filwaqt li din il-kawża nfetħet kontra LUDES Foundation HEI. Ix-xhud qal li dan huwa difett proċedurali serju minħabba li L.U.de.S Sagl di Lugano m'għandha l-ebda rabta mal-LUDES Foundation HEI li ġiet rikonoxxuta mill-awtoritajiet Maltin bħala *higher education institution*. Hu qal li fid-19 ta'

[44] Kopja tal-*email a fol.* 1006 tal-proċess.
[45] Kopja *a fol.* 1002 tal-proċess.

Mejju, 2016, is-soċjetà attriċi, wara li kienet irrifjutat li tiltaqa' mal-fondazzjoni konvenuta u tiftiehem magħha dwar l-attivitajiet il-ġodda li kellu jkun hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet, ħarġet *invoice* lil LUDES Foundation HEI, meta bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda rbit kontrattwali jew xi forma ta' mandat sabiex jingħataw is-servizzi li ntalab ħlas għalihom. Ix-xhud allega li dan sar f'tentattiv sabiex jiġu evitati l-Qrati Żvizzeri, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li immedjatament wara li ntbagħtet l-*invoice,* u mingħajr l-ebda preavviż ieħor, infetħu il-proċeduri odjerni fil-Qrati Maltin. Ix-xhud allega li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni f'din il-kwistjoni, u dan minħabba li l-forum kompetenti fejn għandha tinstema' l-lanjanza tas-soċjetà attriċi, huma l-Qrati Żvizzeri.

F'dan ir-rigward ix-xhud qal li l-*invoice* bir-referenza LCN004/2016 u li ntbagħtet lil L.U.de.S. Sagl (Lugano) inħarġet korrettement inkwantu indirizzata lis-soċjetà li kienet marbuta bil-ftehim oriġinali. Di Filippo qal ukoll li s-soċjetà attriċi għandha tħallas l-ispejjeż marbuta mal-proċeduri odjerni inkwantu dawn infetħu f'forum li mhux kompetenti *stante* li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu din il-vertenza. Hu kompla jgħid li anki f'każ li jiġi stabbilit li l-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu din il-kawża, il-fondazzjoni konvenuta LUDES Foundation HEI mhix debitriċi ta' Lean Consulting Network Limited *stante* li m'għandha l-ebda rbit kontrattwali magħha, u li t-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu indirizzati lil L.U.de.S. Sagl (Lugano).

Ix-xhud qal ukoll li l-fatti kif ippreżentati mir-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi mhumiex korretti, u li saħansitra dawn jistgħu jwasslu għal azzjoni kriminali kontrihom *stante* li wħud minnhom huma offensivi u difamatorji. Ix-xhud jgħid li r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi ppruvaw jagħmlu riferiment għal fatti u għal

avvenimenti li huma estraneji għall-kawża u li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza bejn il-partijiet. Hu qal ukoll li sa fejn Sergio Liguori kkonferma li *"le attività delegate alla Lean Consulting Network Limited sono parte integrante del percorso di accreditamento come provider educativo ..."*, dan kien qiegħed jikkonferma li l-funzjoni tas-soċjetà attriċi kienet dik delegata lilha bis-saħħa tal-kuntratt oriġinali ffirmat bejn il-partijiet, liema kuntratt hu regolat mil-liġi Żvizzera. Ix-xhud qal ukoll li minħabba fin-natura tal-kuntratt oriġinali, kien hemm ċerti attivitajiet li kellhom igawdu minn kontinwità naturali, u li anki meta spiċċa l-kuntratt oriġinali, setgħu jitkomplew minn LUDES Foundation HEI. Madanakollu l-partijiet qatt ma qablu dwar il-mod kif għandhom jitkomplew dawn l-attivitajiet, u li l-proposti mressqa unilateralment mis-soċjetà attriċi kienu jiswew madwar għaxar darbiet aktar minn dak maqbul fil-kuntratt oriġinali. Hu qal li s-servizzi pprovduti mis-soċjetà attriċi kienu kollha skont it-termini tal-kuntratt oriġinali, u li dawn l-attivitajiet kollha sar ħlas għalihom permezz tas-soċjetà DIDAGEST.

Ix-xhud għamel riferiment ukoll għall-elenku li sar mis-soċjetà attriċi tas-servizzi pprovduti minnha, u spjega wkoll l-utilità tagħhom għall-fondazzjoni konvenuta u t-termini tal-ftehim li sar dwar l-imsemmija attivitajiet. Ix-xhud għamel riferiment għad-dikjarazzjonijiet li saru minn Stanislao Filice u qal li din il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tagħhom *stante* li huma dikjarazzjonijiet li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza odjerna bejn il-partijiet.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-*affidavit* ta' **Manuela Sotgiu di Martino,** President tal-Fondazzjoni konvenuta[46], li bdiet ix-xhieda tagħha billi qajmet dubju dwar il-kompetenza tal-Qrati Maltin f'din il-vertenza. Hi għamlet riferiment ukoll għall-

46 *A fol.* 1021 tal-proċess.

fatt illi skont il-kuntratt oriġinali ffirmat bejn il-partijiet, it-terminu ta' skadenza ta' dak il-ftehim kellu jkun l-14 ta' April, 2016 u mhux l-14 ta' Jannar, 2016. Hi qalet li Liguori kien konxju mill-fatt li l-abbozz tal-ftehim il-ġdid bejn il-partijiet ma ġiex maqbul miż-żewġ naħat, tant li fl-*emails* tiegħu, kemm tal-25 ta' April, 2016 u kemm tad-29 ta' April, 2016, hu għamel riferiment għall-fatt li kien qiegħed jibgħat abbozz sabiex jiġi aċċettat jew jiġi emendat. Ix-xhud qalet li hi kienet ipproponiet inkontru għat-2 ta' Mejju, 2016 sabiex il-partijiet jiddiskutu u jiddefinixxu t-termini tal-ftehim il-ġdid li kellu jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom, liema inkontru iżda baqa' ma seħħx. Hi qalet li l-imġiba tas-soċjetà attriċi f'dan kollu kienet waħda nieqsa mill-korrettezza u mill-bona fede, u li in suċċint ma kien hemm l-ebda ftehim ġdid bejn il-partijiet wara l-iskadenza tal-kuntratt oriġinali li kien viġenti fil-perijodu bejn il-15 ta' Ottubru, 2014 u l-14 ta' April, 2016. Ix-xhud allegat ukoll li l-*invoice* bir-referenza LCN 008/2016 fil-konfront ta' LUDES Foundation HEI inħarġet b'mod skorrett, u ntbagħtet f'tentattiv li jiġu evitati l-obbligi kontrattwali li s-soċjetà attriċi għandha taħt il-liġi Żvizzera. Ix-xhud qalet li mid-dokumentazzjoni esebita għandu jirriżulta illi l-uniku kuntratt li jorbot lill-partijiet hu dak miftiehem bejn Lean Consulting Network Limited jew aħjar Dott Stinislao Filice, u L.U.de.S Sagl, fil-15 ta' Ottubru, 2014, fejn il-partijiet qablu li jassoġġettaw ruħhom għal-liġi Żvizzera. Ix-xhud esprimiet tħassib dwar kif l-*invoice* tal-25 ta' April, 2016 inħarġet kontra L.U.de.S. Sagl (Lugano), korrettement, filwaqt li l-azzjoni odjerna saret kontra LUDES Foundation HEI. Ix-xhud qalet li fid-19 ta' Mejju, 2016, is-soċjetà attriċi bagħtet *invoice* lill-fondazzjoni konvenuta meta ma kien hemm l-ebda rabta kontrattwali bejn il-partijiet, u sussegwentement, mingħajr ebda preavviż ieħor, bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-fondazzjoni konvenuta. Ix-xhud irrepetiet dak li qal l-Avukat Di Filippo, li anke jekk din il-Qorti ssib li għandha kompetenza biex

tisma' l-kawża, xorta waħda l-fondazzjoni konvenuta m'għandhiex titqies li hi debitriċi tas-soċjetà attriċi in vista tal-fatt li m'hemm l-ebda irbit kontrattwali bejn it-tnejn.

Ix-xhud allegat ukoll li fl-*affidavits* ippreżentati minn Liguori u minn Filice, sar riferiment għal fatti li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kawża odjerna, u li tqajmu biss sabiex jiżvijaw lill-Qorti fil-konsiderazzjonijiet li trid tagħmel. Fir-rigward tal-*affidavit* prodott minn Stanislao Filice, ix-xhud qalet li l-verifiki li sar riferiment għalihom fix-xhieda tiegħu, u li saru mis-soċjetà attriċi kienu modifiki ta' partijiet żgħar f'kuntratt li kien ġie ffirmat ma' L.U.de.S Sagl.

Il-kontroeżami tal-**Avukat Alfredo Di Filippo** sar fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2017.[47] Huwa xehed li l-kuntratt tal-14 ta' Ottubru, 2014 kien ġie ffirmat bejn LUDES u Dott. Stanislao Filice, u li s-soċjetà Lean Consulting Network Limited ma kellha l-ebda rwol f'dan il-ftehim. Ix-xhud spjega li l-kuntratt oriġinali li kien ġie ffirmat fl-Iżvizzera, ġie fi tmiemu fl-14 ta' April, 2016, u li l-aħħar *invoice* maħruġa fid-19 ta' Marzu, 2016 ġiet imħallsa fil-bidu ta' April, 2017. Hu qal li kien Stanislao Filice li ċeda l-inkarigu tiegħu lil Lean Consulting Network Limited, u li l-fondazzjoni konvenuta kellha ta' bilfors taċċetta din is-sitwazzjoni minħabba li f'Malta ma kellha l-ebda punt ta' riferiment ieħor, għajr għal dak ipprovdut lilha minn Lean Consulting Network Limited *tramite* Stanislao Filice. L-Avukat Di Filippo qal li minkejja li s-soċjetà attriċi insistiet li l-ftehim bejn il-partijiet ġie fi tmiemu fl-14 ta' Jannar, 2017[48], madanakollu hija baqgħet tforni s-servizzi tagħha taħt il-kuntratt oriġinali. Ix-xhud kompla li l-kuntratt oriġinali kellu jiġi fi tmiemu fil-15 ta' April, 2017[49], u li wara l-ottjeniment tal-

[47] *A fol.* 1035 tal-proċess.
[48] Id-data korretta hija l-14 ta' Jannar, 2016.
[49] Id-data korretta hija l-15 ta' April, 2016.

akkreditazzjoni, kien hemm servizzi speċifiċi oħra li kellha tieħu ħsieb is-soċjetà attriċi, u li dawn ilkoll kienu jaqgħu taħt it-termini tal-kuntratt oriġinali. Madanakollu qatt ma ġie ffirmat kuntratt ġdid bejn il-partijiet. Huwa spjega li l-għan ewlieni tal-kuntratt oriġinali ma kienx biss il-kisba tal-akkreditazzjoni, iżda kien hemm funzjonijiet amministrattivi oħra li kellha tieħu ħsieb is-soċjetà attriċi. Għal darb'oħra waqt il-kontroeżami tqajmet il-kwistjoni tal-abbozz tal-kuntratt il-ġdid u l-fatt li dan ma ġiex iffirmat u li ma kien hemm l-ebda qbil fuqu tant li lanqas tentattiv għal inkontru bejn il-partijiet li kien iffissat għat-2 ta' Mejju, 2016 ma rnexxa. Ix-xhud qal ukoll li l-fondazzjoni konvenuta m'għandha l-ebda debiti xi tħallas lis-soċjetà attriċi u li l-uniċi kontijiet li ġew ikkontrattati kienu dawk ma' L.U.de.S. Sagl (Lugano), liema kontijiet tħallsu fl-intier tagħhom. Ix-xhud qal li hu qatt ma allega li l-attività da parti tas-soċjetà attriċi waqfet wara l-15 ta' Jannar, 2016, iżda huwa ppreċiża li l-attivitajiet u s-servizzi reżi, dejjem ingħataw entro t-termini tal-ewwel kuntratt maqbul bejn il-partijiet.

Fl-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2017, il-Qorti semgħet il-kontroeżami ta' **Manuela Sotgiu di Martino**[50], President tal-fondazzjoni konvenuta, li qalet li d-deċiżjonijiet jittieħdu mill-bord tal-fondazzjoni. Mistoqsija b'mod speċifiku dwar l-involviment tas-soċjetà attriċi fl-akkreditazzjoni miksuba mill-fondazzjoni konvenuta, ix-xhud qalet li kienet il-fondazzjoni konvenuta li għamlet l-applikazzjonijiet man-National Commission for Higher Education, għalkemm mitluba tispeċifika x'tip ta' liċenzja ġiet miksuba, jekk hux dik ta' università jew ta' *higher education institution,* ix-xhud kienet evażiva fir-risposta tagħha. Hi wieġbet ukoll li ma tafx x'inhi d-differenza bejn *higher education institution* u università. Ix-xhud madanakollu qalet li hi qatt ma tat inkarigu lis-soċjetà attriċi

[50] *A fol.* 1051 tal-proċess.

sabiex tikseb akkreditazzjoni ta' università f'isem il-fondazzjoni konvenuta. Hi qalet ukoll li l-kisba tal-liċenzja ma kinitx tfisser li l-attività kkontemplata fil-kuntratt oriġinali kienet ġiet fi tmiemha, *"non era la licenza il punto d'arrivo perche c'è tutto che consegue la licenza. La licenza non solo è punto d'arrivo ma lo definirò come punto di partenza quasi."* Ix-xhud insistiet li s-servizzi kollha reżi mis-soċjetà attriċi kienu skont it-termini tal-kuntratt oriġinali ffirmat bejn il-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Wara li kkunsidrat id-dokumentazzjoni u x-xhieda kopjuża ppreżentata f'din il-kawża, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tqis il-provi fid-dawl tal-punti legali mqajma fil-kawża, u immedjatament sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-punt sollevat mill-fondazzjoni konvenuta fl-*affidavits* tal-Avukat Di Filippo u ta' Manuela di Martino dwar jekk il-Qrati Maltin għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu din il-kawża, in vista tal-Artikolu 12 tal-ftehim maqbul bejn il-partijiet, u ċjoè li hija l-liġi tal-Iżvizzera li għandha tirregola l-ftehim oriġinali li kien intlaħaq bejn il-partijiet.

Il-Qorti tibda billi tinnota illi dan il-punt legali ġie sollevat fi stadju avvanzat ħafna ta' dawn il-proċeduri, u dan wara li l-fondazzjoni konvenuta kienet għamlet l-eċċezzjonijiet tagħha u ssottomettiet ruħha għall-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Huwa ben not li l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' Qorti jew Tribunal għandha titqies li ġiet rinunzjata mill-parti li kellha teċċepiha, jekk din ma titqajjimx *in limine litis*.

F'sentenza fl-ismijiet **Prim Ministru et *vs.* Anthony Brincat**[51], il-Qorti qalet hekk:

"L-Ewwel Onorabbli Qorti tikkwota in sostenn tal-konklużjoni tagħha l-kawżi **Mizzi vs Cassar et** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 1964 u **Azzopardi General Transport Ltd vs Mifsud**, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 2005, fejn ġie ritenut illi kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni huma kwistjonijiet ta' ordni pubbliku u l-Qorti għandha mhux biss id-dritt iżda wkoll id-dmir li tissollevaha *ex officio*.

Fl-ewwel lok, jiġi rilevat bir-rispett, li l-Qorti ma għandhiex dritt jew dmir illimitat li tissolleva kwistjonijiet ta' kompetenza *ex officio*, għax dan id-dritt huwa limitat b'dak li jippreskrivi l-artikolu 774 tal-Kap. 12 u ċioè:

'Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti, għandha, *ex officio*, tiddikjara l-inkompetenza tagħha –

(a) Meta l-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili ta' Malta u l-konvenut jew ikun baqa' kontumaċi jew ikun assenti rappreżentat fil-kawża minn kuraturi maħtura skont l-artikolu 929; jew

(b) Meta, minħabba x-xorta jew il-valur tal-ħaġa li tkun fil-kwistjoni, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza ta' dik il-qorti; jew

(c) Meta f'kawżi ta' żbank ta' depożiti, il-flus jew ħwejjeġ oħra jkun ddepożitati taħt l-awtorità ta' qorti oħra:

Iżda, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (b), l-eċċezzjonijiet ta' inkompetenza ma jistgħux jingħataw u lanqas ma jistgħu jiġu dikjarati *ex officio*, f'qorti fi grad ta' appell.'

Konsegwentement, meta l-konvenuta ma jkunx rappreżentat fil-kawża minn kuraturi u jkun ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet, il-Qorti hija prekluża milli tissolleva *ex officio* il-kwistjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha.

Skont l-artikolu 774 (a) tal-Kap. 12, jekk il-konvenut ma jissollevax il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti *in limine* fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, huwa jitqies li rrinunzja għaliha, u lanqas il-Qorti ma hija awtorizzata li tissolleva l-kwistjoni *ex officio* minkejja l-fatt li din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku. Dan

[51] Q.A., 09.10.2009.

> huwa perfettament loġiku għaliex jekk il-konvenut ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet, huwa l-konvenut li hu mistenni jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni u jekk ma jagħmilx hekk jitqies li ssottometta irrevokabbilment għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti (**<u>Paul Portelli vs Joseph Portanier Mifsud, Vol. XLI - iii – 1226)</u>.**"

F'deċiżjoni oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **Boarding School (Malta) Ltd *vs.* Maizie Williams**[52], il-Qorti kkonkludiet:

> "Jirriżulta b'mod ċar mill-atti illi meta l-konvenuta ppreżentat l-eċċezzjonijiet tagħha għal kawża quddiem il-Qrati Maltin ma għamlet ebda oppożizzjoni għal ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati u fil-fatt l-eċċezzjonijiet tagħha kienu fil-mertu tal-azzjoni proposta. Ladarba l-konvenuta ma oġġezzjonatx għall-ġurisdizzjoni jfisser li hi aċċettat li l-kawża tiġi deċiża mill-Qrati Maltin. La darba din kienet is-sitwazzjoni kristallizzata bis-sottomissjoni impliċita tal-konvenuta għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija ma tistax fi stadju sussegwenti tbiddel il-ħsieb u titlob li l-kawża tinstema minn Qorti oħra."

Il-fondazzjoni konvenuta eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fi stadju meta kienet qiegħda tressaq l-*affidavits* tar-rappreżentanti tagħha, kif ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, u dan wara li diġà kienet issottomettiet lilha nnifisha għall-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Hu għalhekk li l-fondazzjoni konvenuta rrinunzjat għall-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni, u din il-Qorti tqis li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi l-vertenza li għandha quddiemha fil-mertu.

Għaldaqstant il-kwistjoni ewlenija li trid tiġi indirizzata mill-Qorti hija jekk l-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190) pretiż mis-soċjetà attriċi hux dovut lilha mill-fondazzjoni konvenuta jew le. Il-kontestazzjoni ewlenija mqajma mill-fondazzjoni konvenuta hi li l-ammonti pretiżi mis-soċjetà

[52] P.A., 05.12.2012.

attriċi mhumiex dovuti minnha u dan minħabba li bejn il-partijiet fil-kawża, m'hemm l-ebda rabta kontrattwali peress li l-ftehim oriġinali kien sar bejn Stanislao Filice, li r-rwol tiegħu sussegwentement ġie ċedut lis-soċjetà Lean Consulting Network Ltd, u L.U.de.S. (Sagl – Lugano), u għalhekk eċċepiet l-illeġittimità tagħha bħala kontradittriċi fil-kawża. Inoltre, il-fondazzjoni konvenuta ssostni li s-servizzi li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi l-ħlas tagħhom huma servizzi li kienu koperti bil-kuntratt oriġinarjament maqbul bejn Stanislao Filice u L.U.de.S. (Sagl) fil-15 ta' Ottubru, 2014, liema kuntratt kellu jiġi fi tmiemu fil-15 ta' April, 2016. Il-fondazzjoni konvenuta allegat ukoll li f'kull każ, l-ammonti pretiżi mis-soċjetà attriċi huma esaġerati u eċċessivi, kif ukoll li s-servizzi li hi qiegħda tintalab tħallas għalihom, qatt ma ġew reżi lilha.

Il-Qorti kkunsidrat li l-ftehim li kien sar oriġinarjament bejn Stanislao Filice, li r-rwol tiegħu f'din ir-relazzjoni kummerċjali ġie sussegwentement ċedut u assunt minn Lean Consulting Network Limited, u L.U.de.S (Sagl), kien ftehim li kien ġie ffirmat fil-15 ta' Ottubru, 2014, u li kien jindirizza inkarigu li kellu jiġi fi tmiemu sal-15 ta' April, 2016: *"l'incarico avrà decorrenza dal 15 ottobre 2014 u dovrà essere svolto, in ogni sua attività, entro e non oltre il 15 aprile 2016."* Is-servizzi li dan il-ftehim kien qiegħed jantiċipa li jiġu pprovduti minn Stanislao Filice, u sussegwentement minn Lean Consulting Network Limited, ġew stipulati fil-ftehim bħala:

- *Preverifica della documentazione da sottoporre alla NCFHE in tutte le sue parti, sia didattiche che amministrative;*
- *Affiancamento tecnico e in loco presso la NCFHE, al fine di sottoporre l'applicazione di accredito e il suo ottenimento;*
- *Valutazione con l'accountant maltese, che sarà individuato di comune accordo tra le parti, per la valutazione, costituzione e cura del soggetto giuridico da costituire su territorio maltese per procedere alla ralizzazzione delle attività prefissate;*

- *Ricerca del partner locale per il posizionamento della struttura didattica necessaria al fine dell'accreditamento;*
- *Affiancamento dall'accredito provvisorio al definitivo ed audit interno sul rispetto delle procedure previste dalla NCFHE.*

Mill-provi prodotti jirriżulta li n-natura ta' servizzi rikjesti b'mod dirett da parti tal-fondazzjoni konvenuta mingħand is-soċjetà attriċi, kienu jmorru lil hinn minn dak li kien maħsub fil-ftehim tal-15 ta' Ottubru, 2014, tant hu hekk li mill-provi jirriżulta li s-servizzi rikjesti mill-fondazzjoni konvenuta mingħand is-soċjetà attriċi kienu jkopru tista' tgħid kulma kien meħtieġ sabiex il-fondazzjoni konvenuta tistabbilixi l-operat tagħha hawn Malta, mit-twaqqif tal-*website* tagħha sal-ftuħ ta' kontijiet bankarji, mill-preparazzjoni ta' manwal għall-utenti sa pariri dwar il-mod kif il-fondazzjoni konvenuta kellha tirreklama lilha nnifisha u t-tip ta' korsijiet li setgħet toffri. Ingħataw ukoll sessjonijiet ta' taħriġ minn professjonisti u konsulenti magħżula mis-soċjetà attriċi fuq speċifikazzjonijiet tal-fondazzjoni konvenuta, liema servizzi ma kinux ikkontemplati fil-ftehim oriġinali li kien sar lura fl-2014. Is-soċjetà attriċi mkien ma allegat li l-ftehim oriġinali li kien jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet ġie fi tmiemu f'Jannar, 2016 minflok fil-15 ta' April, 2016, kif tallega l-fondazzjoni konvenuta. Li qiegħed jintqal mis-soċjetà attriċi huwa li għall-perijodu bejn Jannar u April tas-sena 2016, u partikolarment fiż-żmien wara li nkisbet il-liċenzja u l-akkreditazzjoni meħtieġa mill-fondazzjoni konvenuta sabiex din setgħet tibda l-operat tagħha hawn Malta, ingħataw servizzi mis-soċjetà attriċi li din qiegħda tippretendi ħlas għalihom, *stante* li dawn is-servizzi ma kinux ikkontemplati fil-ftehim oriġinali. Ġie spjegat, kemm minn Sergio Liguori kif ukoll minn Stanislao Filice, fl-*affidavits* u fin-noti ppreżentati minnhom, li huma qegħdin jippretendu ħlas għal dawn is-servizzi minħabba li r-rikjesti li bdiet tagħmel il-fondazzjoni konvenuta kienu jmorru lil hinn minn dak li ġie pattwit oriġinarjament, u li dan il-ħlas kien qiegħed jintalab

direttament lill-fondazzjoni konvenuta minħabba li hi kienet il-benefiċjarja aħħarija ta' dawn is-servizzi u mhux L.U.de.S (Sagl) fl-Iżvizzera.

Minkejja li ffaċċjata b'verżjonijiet differenti ta' kif ġraw l-affarijiet, din il-Qorti hi konvinta, minn dak li semgħet u mill-evalwazzjoni li għamlet tad-diversi dokumenti esebiti in atti, li dak li l-fondazzjoni konvenuta bdiet tirrikjedi meta ġiet biex tibda l-operat tagħha minn Malta b'mod uffiċjali, kien imur ferm oltre dak maħsub u maqbul bejn il-partijiet oriġinarjament. Jekk fil-bidu l-fornitur tas-servizzi kellu jkun individwu, Stanislao Filice, sussegwentement il-fondazzjoni konvenuta sabet li kellha għad-dispożizzjoni tagħha s-*setup* ta' kumpannija li toffri konsulenzi u servizz ta' kontroll ta' kwalità speċjalizzata, u għalhekk kellha l-aspettattiva li dak li kienet qiegħda tirrikjedi bħall-assistenza fil-ftuħ u l-ġestjoni ta' kontijiet, it-twaqqif ta' *website* u l-kontenut tiegħu, korsijiet ta' taħriġ, seta' jiġi pprovdut aktar faċilment mis-soċjetà attriċi u illi kien ser ikun ferm diffiċli għal individwu waħdu li jipprovdi dawn is-servizzi kollha hu li kieku l-partijiet kontraenti baqgħu dawk oriġinali.

Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi x'aktarx li huwa proprju dak li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar dan ingħad hekk f'sentenza fl-ismijiet **George Bugeja vs. Joseph Meilak**[53]:

> "Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament

[53] P.A., 30.10.2003.

> akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Perit John M. Gambina *vs.* Fithome Ltd**[54] irriteniet illi:

> "Il-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili."[55]

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et *vs.* William Rizzo et**[56], il-Qorti stabbiliet is-segwenti:

> "In tema legali jiġi osservat li huwa prinċipju fil-ġurisprudenza li f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bażi għall-prinċipju li onus probanti incumbit ei qui diciit non ei qui negat (App. Inf. **Anthony Camilleri vs. Maurice Cauchi et** – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fiċ-ċitazzjoni. Mill-banda l-oħra pero mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarrqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju,

[54] Q.A., 06.052011.
[55] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[56] P.A., 28.04.2004.

imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

Din il-Qorti tagħmel riferiment wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi** fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi

ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104." [57]

Fl-aħħar nett jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[58]:

"Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti ta' l-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet"."[59]

Fl-istanza odjerna din il-Qorti hija konvinta li l-fondazzjoni konvenuta ħadet vantaġġ u bbenefikat minn sitwazzjoni fejn sabet għad-dispożizzjoni tagħha struttura li kienet tissodisfa l-ħtiġijiet kollha tagħha meta ġiet biex tistabbilixxi ruħha ufficjalment hawn Malta, u bdiet tirrikjedi mingħand is-soċjetà attriċi servizzi li ma kinux ikkontemplati fil-ftehim oriġinali bejn il-partijiet. In linea mal-massima legali bbażata fuq il-prinċipju ekwitattiv *omnia labor, optat premium,* għal kull xogħol li jsir, għandu jingħata ħlas xieraq u ġust. Il-Qorti tal-Appell, f'sentenza fl-ismijiet **Nicky Saliba *vs.* Kunsill Lokali Nadur**[60], stabbiliet illi:

---

[57] App. Inf., 12.04.2007.
[58] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.
[59] Ara wkoll **Bugeja *vs.* Mejlaq**, P.A., 30.10.2003.
[60] Q.A., 02.03. 2010.

> "Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' prinċipju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx waħda gratuwita, min jippresta s-servizzi tiegħu taħt kwalsiasi forma, għall-vantaġġ ta' ħaddieħor, hu intitolat li jiġi retribwit. Dan in omaġġ għall-prinċipju illi *omnia labor, optat premium*."

Mill-provi prodotti, il-Qorti tinsab konvinta li s-servizzi li s-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi ħlas tagħhom, tassew ġew ipprestati minnha, u li għalhekk għandu jirriżulta li l-ħlas mitlub huwa ċert, likwidu u dovut lilha mill-fondazzjoni konvenuta.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-fondazzjoni konvenuta;**
2. **Tiddikjara lill-fondazzjoni konvenuta debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190);**
3. **Tikkundanna lill-fondazzjoni konvenuta għall-ħlas lis-soċjetà attriċi ta' erbgħa u għoxrin elf, mija u disgħin Euro (€24,190) oltre l-imgħaxijiet legali mid-data tal-fattura tad-19 Mejju, 2016.**

**Tordna lill-fondazzjoni konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

Moqrija.